# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' MARZU 2001**

Avviz Nru 1016/98DM

Michael Spiteri Bailey u b'digriet ta 14 ta' April 1999 giet awtorizzata s-sostituzzjoni ta dan l-isem bis-segwenti: "Fogg Insurance Agencies Limited in rapprezentanza tas-Socjeta estera Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Spiteri Bailey a bazi tal-polza ta assigurazzjoni u tal-ligi, u l-istess Michael Spiteri Bailey

vs

Stephen Pisani

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas s-somma ta' Lm164.17 (mija u erba' u sittin lira u sbatax-il centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti spejjez u danni sofferti fil-vettura tal-attur numru HAN 675, liema danni gew kawzati b'risultat tal-kollizzjoni li kellu l-konvenut mal-imsemmija vettura fid-19 ta' Ottubru 1997, fil-'parking area ' ta' Hotel Saint George Corinthia f' San Giljan, meta il-konvenut kien qed isuq il-vettura STF 501 stante li kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl- imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjes inkluzi tal-ittra legali tat-23 ta' April 1998, ta' Lm10 ghall-konsult u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Pisani fejn eccepixxa:-

1 It-talba attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tkun michuda bl-ispejjes kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort l-eccipjent izda unikament htija ta' l-attur innifsu li kien qed isuq il-vettura Nru. HAN 657;

2 Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Id-difensur tal-konvenut jiddikjara li mhux qed jikkontesta il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut la deher biex jixhed u lanqas ma pproduca provi in kontestazzjoni tal-allegazzjoni attrici li kien il-konvenut li saq b'lura ghal fuq il-vettura tal-attur Spiteri Bailey.

Ghalhekk il-verzjoni attrici tirrizulta kkonfermata u t-talba taghhom gustfikata.

Ghalhekk tilqa t-talba attrici u, fil-waqt li tiddikjara lill-konvenut unikament risponsabbli tal-kollizzjoni 'de quo', tikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta LM164.17 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, oltre l-imghax legali mill-14 ta Marzu 1998.

1016/98DM

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…...............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22